# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 9 ta' Frar, 2001**

**Numru 14**

**Cit. Nru. 1619/94 VDG**

**Josette Spiteri nee' Scicluna**

**vs**

**George Spiteri**

L-attrici pprocediet kontra l-konvenut zewgha b'dan l-att tac-citazzjoni biex tottjeni dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg taghha:-

> "Premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-14 ta' April, 1991, fil-Knisja Parrokkjali tal-Marsa;
>
> Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew difett psikologiku serju u b'anomalija serja li ghamilha mpossibbli

ghall-imsemmi konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi, inoltre, il-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-esklussjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' diversi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ta' l-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien similat (sic) u ma nghatax liberament minhabba t-tqala tal-konvenuta;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-attrici ma' l-imsemmi konvenut fl-14 ta' April, 1993 huwa null u bl-ebda effett fil-ligi;

Premess dan kollu, l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fl-14 ta' April, 1991 fil-Knisja Parrokkjali tal-Marsa huwa null u bla effett, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut".

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenut heek eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi l-ewwel, ir-raba u l-hames premessa ta' l-attrici m'humiex kontestati;

2. Illi ghar-rigward tat-tieni u t-tielet premessa l-eccipjent itenni illi l-kunsens taz-zewg partijiet fiz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni u ta' gudizzju rigwardanti l-hajja mizzewga u d-dmirijiet u d-drittijiet tal-partijiet emanenti mill-matrimonju, kif d'altronde dan huwa rifless kemm mic-cirkostanzi antecedenti ghaz-zwieg kif ukoll mill-komportament taz-zewg partijiet waqt iz-zwieg;

3. Illi ghaldaqstant it-talba attrici timmerita li tigi akkolta b'rizerva ghar-rigward tal-kap ta' l-ispejjez".

## Decide

B'sentenza tat-22 ta' Novembru, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghha.

## Motivazzjoni tas-sentenza appellata

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "1. Illi ghalkemm f'dan il-kaz hemm ammissjoni tat-talba attrici da parti tal-konvenut, din il-Qorti ma hix ezonerata milli tisma', u naturalment, tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm verament bazi legali ghall-annullament mitlub (ara, inter alia, Angela Spiteri xebba Selvaggi vs. Joseph Spiteri, P.A. 4/11/94; Carmel sive Charles Camilleri vs. Teresa Camilleri, P.A. 3/10/95; Evelyn Agius vs. John Borg, P.A. 4/10/95, Emanuel Camilleri vs. Carmen Camilleri, P.A. 10/11/95; Isabelle Zarb vs. Stephen Attard, P.A. 21/11/95; Alfred Tonna vs. Maria Tonna, P.A. 31/1/96; Bernardette Debono vs. Mario Debono, P.A. 16/9/96; Natalina Mifsud vs. Perit Joseph Pace, P.A. 16/9/96).
>
> 2. L-attrici qed tallega li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jew b'anomalija psikologika serja fis-sens tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 19 tal-Kap 255; li l-kunsens tieghu, cioe' ta' l-imsemmi konvenut kien simulat fis-sens tal-paragrafu (f) ta' l-imsemmija disposizzjoni; u li "l-kunsens tal-kontendenti (cioe' tat-tnejn li huma) kien similat (?) u ma nghatax liberament minhabba t-tqala tal-konvenuta" (sottolinear tal-Qorti). Frankament din il-Qorti ssib certa diffikulta' li tifhem din it-tielet kawzali u ghal liema wahda mid-diversi capita nullitatis ta' l-Artikolu 19 (1) qed tirreferi l-attrici. Presumibbilment l-attrici qed tirreferi ghal xi vjolenza morali jew biza' dovuta ghat-tqala taghha, u l-Qorti ghalhekk ser tikkonsidra din il-kawzali bhala li taqa' taht il-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap 255. Hija din it-tielet kawzali biss li

tirreferi ghall-kunsens taz-<u>zewg partijiet</u>; id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ecc., u s-simulazzjoni qed jigu allegati mill-attrici biss ghar-rigward tal-kunsens tal-konvenut u mhux ukoll ghar-rigward tal-kunsens taghha. Din il-posizzjoni ma tinbidilx – ghax dak li hu, x'qed jigi allegat, u fil-konfront ta' min – bis-semplici fatt li l-konvenut, fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, jghid li kemm il-kunsens tieghu kif ukoll dak ta' l-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghax din l-"eccezzjoni" fiha nnfisha ma tammontax ghal, u ma tistax titqies bhala, kontro-talba ta' l-imsemmi konvenut. Ghalhekk in-nullitajiet ravvizati mil-legislatur fil-paragrafi (d) u (f) ta' l-Artikolu 19 (1) jistghu f'dan il-kaz jigu kunsidrati biss ghar-rigward tal-kunsens tal-konvenut, mentri l-vis et metus ser jigi kkunsidrat ghal dak li jirrigwarda l-kunsens tat-tnejn.

3. Il-partijiet izzewgu fil-Knisja Parrokkjali tas-Santissima Trinita', il-Marsa, nhar l-14 ta' April, 1991. L-attrici kellha sbatax-il sena u l-konvenut dsatax. Huma kienu ilhom johorgu flimkien xi hames snin. Ghalkemm wiehed jista' jghid li maz-zmien huma bdew johorgu flimkien "steady" u cioe' bil-hsieb li eventwalment xi darba jizzewgu, iz-zwieg ghalihom kienet xi haga tant il-boghod li anqas biss kienu jiddiskutuha. L-attrici tistqarr li hi qatt ma kellha l-hsieb li tizzewweg qabel ma jkollha wiehed u ghoxrin jew tnejn u ghoxrin sena (fol. 28). Ghalhekk sa ma l-attrici harget tqila (mill-konvenut) f'xi zmien fi Frar, 1991, huma kienu ghadhom la bdew ifaddlu sabiex jizzewgu, la kienu iffissaw xi data, u anqas kienu tant jitkellmu fuq il-hajja matrimonjali. Mill-kumpless tal-provi l-Qorti hi sodisfatta li l-partijiet kienu semplicement jghixu ta' guvni u xebba, pero' kienu jiehdu gost bil-kumpanija ta' xulxin. Il-Qorti hi sodisfatta wkoll li l-konvenut kien xi minn daqqiet manesk ma' l-attrici – fi kliem l-attrici "meta jibda jghajjat malajr jaghtik daqtejn b'idejh" (fol. 25) - pero' l-attrici xorta kienet thobbu u dejjem kienet tittama li wara z-zwieg hu kien ser ibiddel hajtu (fol. 25). Ghalkemm l-attrici, fid-deposizzjoni taghha tghid li hi kienet tibza' mill-konvenut u ghalhekk kienet baqghet tohrog mieghu (fol. 24), din il-Qorti hi sodisfatta mill-kumpless tal-provi li l-attrici baqghet tohrog mal-konvenut mhux ghax ir-rieda taghha giet soprafatta minn xi biza' u ghalhekk kontra r-rieda taghha, izda ghax riedet tkompli tohrog mieghu peress li kienet thobb (ghalkemm hu evidenti wkoll li fir-relazzjoni ta' bejniethom l-karattru dominanti kien dak tal-konvenut). Wara li l-attrici harget tqila, il-partijiet iddecidew li jizzewgu. Ghall-bidu il-Kappillan ma riedx izewwighom, izda jidher li wara li huwa accerta ruhu li dawn riedu jizzewgu mhux semplicement minhabba t-tarbija izda ghax verament kienu ihobbu lil xulxin,

hu accetta li jzewwighom. Il-Qorti hawnhekk tosserva li ghalkemm il-Kappillan in kwistjoni, Patri Domnic Mangani, meta xehed fid-19 ta' Dicembru, 1995, ma ftakarx partikolarment il-kaz tal-partijiet (ara d-deposizzjoni tieghu a fol. 47-48), il-Qorti hi sodisfatta li l-procedura li hu kien jaddotta f'kazijiet bhal dawn, jigifieri ta' zwieg meta t-tfajla tkun harget tqila, hu segwiha anke fil-kaz ta' l-attrici u l-konvenut. Xi gimgha jew gimgha u nofs qabel iz-zwieg, l-attrici kellha korriment u tilfet it-tarbija. Minkejja dan hija xorta wahda iddecidiet li tibqa' ghaddejja u tizzewweg:

"Qed nigi mistoqsija specifikatament mill-Qorti ghala, galadarba jien tlift it-tarbija qabel iz-zwieg, jiena bqajt ghaddejja bit-thejjijiet. Jien inwiegeb li l-genituri tieghi kellhom kollox lest u jien ma ridtx li l-genituri tieghi jkunu ghamlu dawk it-thejjijiet kollha ghal xejn. Il-genituri tieghi stess kienu qaluli "issa la hemm kollox lest, izzewweg". Jien qatt ma indikajt lill-genituri tieghi li jien ma xtaqtx nizzewweg, jew ma xtaqtx nizzewweg ta' dik l-eta', lill-konvenut. Meta imbaghad gejt rinfaccjat b'dawn, b'din is-sitwazzjoni, jien iddecidejt li nibqa' ghaddejja biz-zwieg, dejjem bit-tama li l-konvenut jibdel hajtu" (fol. 29 u 30).

Wara z-zwieg, il-partijiet ghamlu tlett snin flimkien qabel ma nfirdu wara incident partikolari li fih il-konvenut uza vjolenza fuq l-attrici. Minn dana z-zwieg huma ghandhom tifla.

4. Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tfisser diversi drabi, ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 19 tal-Kap 255, kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia <u>gravi</u>, minn dik il-fakolta' kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva <u>dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg</u>, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera <u>dwar l-imsemmi oggett</u>. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement <u>nuqqas</u> ta' hsieb, <u>nuqqas</u> ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet z<u>baljati</u> - infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju (<u>Emanuel Camilleri vs. Carmen Camilleri</u>, ga citata. "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju" (<u>Selina-Maria Vella Haber</u>

vs. Joseph Gatt, P.A. 15/4/96). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Art. 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara Isabelle Zarb vs. Stephen Attard ga citata, u Samuela Lea Pavia vs. John Pavia, P.A. 20/5/96). Kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Janet Portelli vs. Victor Portelli 14/8/95);

"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within"

(ara wkoll f'dan is-sens, Pompedda, M.F., Studi di Diritto Matrimoniale Canonico, Giuffrre' (Milano), 1993, p.56).

5. Mill-provi din il-Qorti ma tara xejn li jista' jwassalha tikkonkludi li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif hawn aktar 'l fuq imfisser. Certament kien hemm element ta' spensjeratezza u anke ta' immaturita' fil-konvenut kompatibbli ma' l-eta' tieghu ta' dsatax-il sena;' veru wkoll li kellu xi delizji – bhal loghob bl-amusement machines jew gambling machines – li ma tantx kienu rakkomandabbli, u anzi li flok delizzji wiehed jista' jsejjhilhom vizzji. Dan kollu, pero', ma jistax jinghad li jwassal, anqas fuq bazi ta' probabilita', ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li trid il-ligi. Il-ligi tippresumi li galadarba il-parti li tkun ser tidhol ghaz-zwieg tkun lahqet l-eta' stabbilita' mill-istess ligi biex tizzewweg – fil-kaz tal-ligi taghna, l-eta' ta' sittax-il sena – hi jkollha diskrezzjoni ta' gudizzju bizzejjed biex taghti kunsens validu ghar-rabta matrimonjali, salv, naturalment, li jista' jigi ppruvat il-kuntrarju. F'dan il-kaz il-Qorti tara li dana ma giex pruvat ghal dak li jirrigwarda l-kunsens tal-konvenut. Kif inghad, l-attrici mhix tallega li l-kunsens taghha kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta'

gudizzju, u ghalhekk ma huwiex il-kaz li din il-Qorti tippronunzja ruhha b'xi mod dwar il-kunsens ta' l-attrici fid-dawl ta' dan il-caput nullitatis.

6. Kwantu ghal xi "anomalija" psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg", din il-Qorti ssib li ma gie ppruvat assolutament xejn ghal dak li jirrigwarda l-kunsens tal-konvenut.

7. L-attrici tallega wkoll li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bid-difett ravvizat fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 19 tal-Kap 255. Dana d-difett – is-simulazzjoni tal-kunsens – gie ezaminat f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti (ara, inter alia, Anna Galea vs. John Walsh, (30/3/95 u Dr. Stephen Muscat vs. Maria Borg Grech, 14/8/95). Biex jirrizulta dana d-difett irid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-parti in kwistjoni (jew z-zewg partijiet jekk l-allegazzjoni tkun fil-konfront tal-kunsens tat-tnejn) tkun eskludiet b'att posittiv tal-volonta' iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg. Fil-kaz in dizamina ma hemm xejn li jista' b'xi mod iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzzjoni li l-konvenut kien issimila l-kunsens tieghu.

8. Fl-ahhar nett hemm il-kwistjoni tal-vjolenza morali jew biza'. L-allegazzjoni hi li ma kienx hemm kunsens liberu min-naha taz-zewg partijiet peress li l-attrici harget tqila bla mistenni. Kwantu ghad-difett tal-vis et metus, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-esposizzjoni dottrinali maghmula fis-sentenza taghha tat-3 ta' Ottubru, 1995, fl-ismijiet Carmel sive Charles Camilleri vs. Teresa Camilleri, li ghaliha qed issir riferenza a skans ta' ripetizzjoni. Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizzjat bil-vjolenza jew bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna jehtieg li dik il-vjolenza jew biza' tkun tali li mhux biss akkumpanjat il-kunsens izda iddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens.

"Il matrimonio e' nullo se si celebra per timore e non e' nullo se si celebra con timore" (Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino), 1994, p.131).

Il-biza' in kwistjoni, naturalment, trid tkun ta' certa portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dan il-kunsens. Biex wiehed jara jekk tezistix din il-biza' wiehed irid jara l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dak li pprecedew iz-

zwieg kif ukoll dawk aktar vicin u qrib id-data taz-zwieg. Jista' jizdied ukoll li bhal ma l-vjolenza kontemplata fl-Artikolu 977 tal-Kodici Civili trid tkun vjolenza esterna, pero' mhux necessarjament gejja mill-konteraent l-iehor, hekk ukoll il-vjolenza morali jew biza' in dizamina irid ikollha kawza esterna ghall-persuna li tkun qed tissubixxi dik il-vjolenza jew biza. Issa ma hemmx dubbju li l-kontendenti zzewgu meta zzewgu proprju ghax l-attrici kienet harget tqila mill-konvenut. Anqas ma hemm dubbju li kif appena l-attrici saret taf li hi tqila, hi kienet ferm inkwetata u ghall-bidu bezghet tghid lill-genituri taghha – reazzjoni li din il-Qorti tqis bhala wahda naturali – tant hu hekk li l-ewwel persuna li l-attrici marret tghid kienet lil zijitha, li maghha jidher li kellha aktar kunfidenza fuq certi affarijiet. Il-parir ta' din iz-zija kien propju biex huma ma jghagglux u ma jaqbdux u jizzewgu malajr. Ghalhekk min-naha taghha ma kien hemm ebda pressjoni. Min-naha l-ohra kemm il-genituri ta' l-attrici kif ukoll dawk tal-konvenut mill-ewwel raw iz-zwieg bhala s-soluzzjoni gusta fic-cirkostanzi. Dan, pero', ma jfissirx li huma ppresaw b'tali mod jew geghlu lill-kontendenti sabiex jizzewgu b'mod li l-kunsens tal-kontendenti sabiex jizzewgu b'mod li l-kunsens tal-kontendenti kien <u>determinat</u> kompletament minn pressjoni jew biza' gejja minnhom. Minn ezami akkurat tad-diversi deposizzjonijiet, din il-Qorti ma tarax li jista' jinghad li dawn ezercitaw xi pressjoni li tista' titqies irresistibbli fir-rigward ta' l-attrici jew tal-kontenut. L-attrici qalet hekk:

"Lill-konvenut, pero', m'ghidtlux car u tond li jien fil-fatt ma ridtx nizzewweg hekk zghira. Jien imbaghad mort ghand ziti, biex din tghid lill-ommi, ghaliex jien ma ridtx nghidilha direttament lil ommi, u wara tlajna ghanda ommu, omm il-konvenut. Imbaghad ommu cemplet lil ommi. Missieri imbaghad qalli "ikkollok tizzewweg". Pero' la missieri u lanqas il-konvenut ma heddewni biex nizzewweg. Jien hadd ma heddidni biex nizzewweg. L-unika raguni, naturalment, kienet li l-genituri tieghi qaluli li la gejja t-tarbija hekk hu sew u xieraq li naghmel, li nizzeweweg" (fol. 29).

Kif inghad aktar 'l fuq, anke wara li l-attrici korriet, xorta wahda iddecidiet li tibqa' sejra biz-zwieg "bit-tama li l-konvenut jibdel hajtu". Omm l-attrici fissret kif meta saret taf li bintha kienet tqila hi tatha parir biex tizzewweg (fol. 39). Hi u zewgha iffirmaw il-karti ghand il-kappillan.

"………ghax dehrilna li l-partijiet riedu jizzdewgu lil xulxin" (fol.40).

Missier l-agttrici ukoll kien tal-fehma li bintu ghandha tizzewweg galadarba harget tqila.

“Jien ma sfurzajthiex biex tizzewweg.  Tajtha parir biss” (fol. 50).

Hu kompla fisser li skond hu hi zzewget mhux ghax bezghet minnu izda ghax bezghet mill-konvenut.  Il-konvenut, min-naha tieghu, jaghmilha cara li huwa zzewweg minn rajh u mhux ghax geghlu xi hadd (fol.55).  Omm il-konvenut, Catherine Spiteri – li din il-Qorti tirrimarka li xehdet b’mod car, sod u ferm kredibbli – qalet hekk:

“Meta Josette kienet harget tqila, hu beza’ jghidli (u) fil-fatt kien cempilli u beda jibki fuq it-telefon.  Jien min-naha tieghi meta qalli li kienet harget tqila jien ghidtlu “issa ma hemmx x’taghmel, ara x’taghmlu, issa ppruvaw izzewgu”.  Sa fejn naf jien, kemm it-tifel tieghi kif ukoll Josette, it-tnejn imbaghad riedu jizzewgu.  Qed nigi mistoqsija mill-Qorti jekk min-naha tieghi jew ta’ zewgi, kienx hemm xi insistenza partikolari, biex it-tifel taghna jizzewweg lil Josette.  Jien nghid li certament min-naha tieghi zgur ma kienx hemm l-ebda insistenza.  Jien semplicement tajt parir, imma ma nsistejtx mieghu, lanqas lil Josette ma sfurzajt.  Kwantu ghar-ragel jien ma nistax nghid ghax ili sitta u ghoxrin sena separata minn mieghu” (fol. 58).

Din ix-xhud kompliet tfisser kif wara li l-attrici korriet hi ssuggeriet lit-tifel (il-konvenut) biex ihassar pero’ dan ma riedx, u baqa’ jinsisti li ried jizzewweg lill-attrici minkejja li kienet tiflet it-tarbija (fol. 58).  Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma jistax jinghad li l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet kien karpit minhabba vjolenza morali jew biza’”.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti rriproduciet il-motivazzjoni kollha tas-sentenza appellata ghax din taghmel analizi akkurata tad-diversi kawzalijiet dedotti mill-attrici fl-att tac-citazzjoni fit-termini ta’ l-artiklu 19 tal-Kap 255 bhala raguni ghat-talba taghha biex il-Qorti tiddikjara null iz-zwieg taghha

minn mal-konvenut appellat. Analizi bazata fuq sottostrat ta' fatti kif jirrizultaw mill-atti quddiemha, u li pero' din il-Qorti dehrilha li kellha. Taht certu aspett, tipprofondixxi fir-rigward tal-kawzali li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u bl-ezistenza ta' anomalija psikologika serja. Kawzali li ha tigi trattata specifikatament f'din is-sentenza inkwantu din il-Qorti waslet ghall-konvinciment illi l-fatti tal-kawza kienu jiggustifikaw dikjarazzjoni ta' annullament fuq dan il-Kap. Ghall-bqija, is-sentenza appellata hija ghal kollox korretta u ben motivata fil-ligi u fil-gurisprudenza in materja. L-azzjoni attrici, inkwantu bazata fuq l-kawzalijiet l-ohra minnha dedotti tirrizulta ingustifikata u din il-Qorti pjenament tissottoskrivi l-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti dwarhom, u ma jehtigilha f'dan ir-rigward li zzid xejn li jkun utli u necessarju biex ulterjorment telabora dak li gie validament arguwit fis-sentenza appellata.

Din il-Qorti ghalhekk sejra tikkoncentra l-konsiderazzjoni taghha fuq il-kawzali li l-kunsens tal-konvenut fil-mument meta ikkontratta z-zwieg ma' l-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, anke fid-dawl tal-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew difett psikologiku serju u b'anomalija serja li jaghmilha mpossibbli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Fir-rigward ta' din il-kawzali l-ewwel Qorti approfondiet l-ewwel parti taghha, dik cioe' dwar il-vizzju tal-kunsens minhabba difett

serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, anke b'riferenza ghall-kazistika ta' dawn il-Qrati fuq din il-kawzali, u wkoll b'riferenza ghal testi awtorevoli tal-ligi kanonika. Hi waslet ghall-konvinciment illi ma tara xejn x'jista' jwassalha biex tikkonkludi li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-parametri ta' l-insenjament gurisprudenzjali minnha traccjat. Sa hawn din il-Qorit taqbel mal-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti.

Fir-rigward imbaghad ghat-tieni parti ta' din il-kawzali, dik cioe' li tallega "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg", l-ewwel Qorti ddisponiet minnha billi qalet li ma gie ppruvat assolutament xejn ghal dak li jirrigwarda l-kunsens tal-konvenut. L-enfasi fuq il-mument ta' l-ghoti tal-kunsens mill-konvenut kien obbligat ghaliex l-ewwel Qorti gustament irriteniet illi kien dak il-mument li l-kuntratt taz-zwieg ikun gie perfezzjonat. Kellu allura jigi provat illi l-anomalija psikologika serja, jekk tirrizulta fil-limiti rikjesti mil-ligi, kellha wkoll tigi stabbilita li kienet tissussisti f'dak il-mument krucjali.

Wara ezami ta' l-atti processwali fid-dawl tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kien hawn li l-ewwel Qorti kienet, fil-fehma konsidrata taghha, naqset milli tinsisti fuq il-produzzjoni tal-prova attendibbli u kredibbli dwar l-ezistenza o meno

ta' l-anomalija psikologika serja allegata mill-attrici fil-personalita' tal-konvenut zewgha. Dana partikolarment f'sitwazzjoni fejn il-konvenut zewgha ma kienx qieghed jikkontesta it-talba dikjaratorja ta' l-annullament taz-zwieg. Kien qieghed isostni li l-kunsens taz-zewg partijiet fiz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni u ta' gudizzju rigwardanti l-hajja mizzewwga u d-drittijiet u d-dmirijiet tal-partijiet, emanenti mill-matrimonju, filwaqt li jevadi ghal kollox propju l-kawzali tad-difett psikologiku serju ta' anomalija serja li jaghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Din il-Qorti tirritjeni li d-determinazzjoni o meno jekk persuna kienetx jew le affetta minn xi anomalija psikologika serja, kellha tigi qabel xejn stabbilita b'ezami psikjatriku u/jew psikologiku minn persuna kwalifikata li setghet tirrilaxxja tali certifikat.

Kien allura mehtieg ezami xjentifiku approfondit tal-karatteristici psikologici tal-persuna, li kellu mbaghad iservi bhala bazi ghall-apprezzament li necessarjament kellu jaghmel finalment il-gudikant biex jasal ghall-konkluzzjoni jekk tali rizultanzi xjentifici kienux jinkwadraw ruhhom fid-dispost tal-ligi taht ezami. Filwaqt li huwa indubbjament veru li l-gudikant ma kienx obbligat li jistrieh fuq ir-rapport mediku xjentifiku li seta' ma jaddottax, anzi fit-teorija seta' wkoll jiddisponi minn tali ezami, certament kien ferm desiderabbli li l-Qorti, fejn ic-cirkostanzi kienu tali li l-mertu tal-kawza jkun finalment jiddependi

minn perizja ta' din ix-xorta, illi tinkariga espert in materja biex jirrelata dwar kawzali teknika bhal din. Ma jidhirx allura indikat illi l-gudikant ghamel l-apprezzament biss fuq il-provi li jirrizultawlu imma wkoll kellu jesigi l-prova addizzjonali li l-perizja medico-xjentifika setghet tipprovdilu, inkwantu din setghet ukoll tkun determinanti ghall-mertu.

M'hemmx ghalfejn jinghad illi l-kunsens tal-konvenut fil-mument li kkuntratta z-zwieg ma setghax u ma kellux jittiehed unikament f'dak il-mument partikolari, izolat mic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-hajja tieghu u tal-karatteristici partikolari illi ffurmaw il-karattru tieghu. Kellu, ghall-kuntrarju, jittiehed kont propju ta' dawk il-fatturi kollha li setghu rrendew lill-konvenut inkapaci li jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kien ghalhekk illi fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 1999, din il-Qorti vverbalizzat li: "Billi jidhrilha li f'din il-kawza hi mehtiega prova teknika dwar jekk kienx hemm raguni li tiggustifika t-tieni kawzali li fuqha hi bbazata talba ghal annullament taz-zwieg u billi din il-prova ma tirrizultax fl-atti quddiem il-Prim'Istanza, tiddeciedi li tali prova hi mehtiega biex tista' tasal ghall-gudizzju taghha". Kien ghalhekk illi din il-Qorti nnominat il-psikologa Dr. Mariella Blackman biex "tinvestiga jekk il-konvenut kienx jew le affett minn difett psikologiku serju jew b'anomalija serja li jaghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".

Fir-relazzjoni taghha l-esperta psikologa hekk ikkonkludiet:

> "Bhala konkluzzjoni jirrizulta illi s-sur George Spiteri jbati minn kombinazzjoni ta' zewg dizordni ta' personalita' li huma 'passive-aggressive' u 'self-defeating' kif ukoll ibati minn anomaliji serji ta' hsieb u ta' deluzzjonijiet; dawn id-dizordni ta' personalita' u l-anomaliji serji kienu jezistu qabel ma' George Spiteri izzewweg lil Josette Spiteri. Dan ifisser li permezz ta' dawn id-difetti psikologici, George Spiteri ma setghax jevalwa d-drittijiet u dmirijiet li jirrikjedi minnu z-zwieg. Ghalhekk huwa ma setghax jaqdi l-obbligi tieghu essenzjali taz-zwieg.
>
> Wasal ghal din il-konkluzzjoni kemm mill-intervisti psikologici mas-sur George Spiteri u s-sinjura Josette Spiteri, mill-atti tal-kaz, kif ukoll mir-rizultat ta' l-'assessment' intensiv tal-personalita' tal-konvenut li sar permezz ta' ezami xjentifiku ta' personalita".

L-esperta psikologa rrelatat finalment b'dan il-mod wara li waslet ghas-segwenti rizultat psikologiku ta' l-ezami tal-personalita' tal-konvenut. Din il-Qorti jidhrilha li hu utli li jigi hawn registrat billi kien dan li wassalha ghall-konvinciment illi l-konvenut appellat kien verament affett minn anomalija psikologika serja li kienet timpedih li jaghti kunsens validu ghaz-zwieg.

> "**Ir-rizultat psikologiku ta' l-ezami tal-personalita' ta' George Spiteri**
>
> Ir-rizultat tal-personalita' ta' George mill-ewwel juri li pprova jaghmel minn kollox biex jidher sabih f'ghajnejja. Din it-tendenza tidher min-numru gholi li gab fuq il-kategorija "Y" li tezamina proprju dan. Ir-rizultat jidher li l-aktar kategoriji problematici huma dawk ta' kombinazzjoni ta' zewg disordni ta' personali li hum (a) passiv-aggressiv u (b) 'self-defeating'

Kwalitajiet li jiddeskrivu (a) Passive-aggressiv negativistic Personality Disorder, jinkludi pattern ta' attitudni negattiva u resistenza ghal ghagir adegwat. Dan l-ghagir jibda minn 'early adulthood' jew l-ahhar zminijiet ta' l-adolexxenza u jipprezenta ruhu f'hafna kontesti bhal ma hu indikat minn erbgha jew aktar minn dawn li gejjin:

(i) jirrezisti li jaghmel xoghol jew atti socjali kwotidjani;

(ii) igerger li lilu ma jifhmuhx u li mhux apprezzat minn haddiehor;

(iii) huwa argumentattiv;

(iv) jikkritika jew jghajjat ma' membri fl-awtorita' bla ebda raguni;

(v) juri ghira u rabja ghal dawk li ghandu aktar xorti minnu;

(vi) juri b'mod esagerat kemm hu svinturat;

(vii) jbiddel il-burdati bejn wahda ta' rabja ghal wahda kwieta.

Kriterji li juri 'self-defeating' personality disorder huma li l-persuna turi tendenza li tevita jew sitwazzjonijiet ta' pjacir u li jfittex b'mod subkonxju relazzjonjiet li fihom ibati. Dawn jintwerew f'erba' jew aktar minn dawn li gejjin:

(i) jaghzel nies jew sitwazzjonijiet li jwasslu ghall-falliment anke meta jkollu opportunitajiet ahjar;

(ii) jirrigetta l-attentat ta' haddiehor li jghinu;

(iii) wara li tigrilu xi haga posittiva, jirrispondi ghaliha bi htija jew ghagir li jipproduci hsara ghalih (ezempju xorb);

(iv) jgieghel lil min jirrabja mbaghad u wara ihossu imwegga jew umiljat (ezempju jikser lil mara fil-pubbliku)

(v) minkejja li ghandu l-kapacita' li jiehu gost, jirrifjuta opportunita' ta' pjacir;

(vi) ma jasalx li jaghmel xi haga krucjali ghalih minkejja li jipprova jghin lil haddiehor li jaghmilha;

(vii) ma jurix interess f'nies li juru interess fih, ezempju jekk ikollu siehba li turih li jimpurtaha minnha, ma jinteressax ruhu fih.

Fl-ahharnett, ir-rizultat tal-personalita' ta' George Spiteri juri li jbati minn anzjeta', huwa xi ftit dependenti fuq l-alcohol u jbati minn anomaliji severi ta' hsieb u ta' deluzzjonijiet.

**Konkluzzjonijiet**

Minn dak li jirrizulta kemm mill-ezami intensiv, kemm tal-kaz Spiteri, specjalment tal-konvenut is-sur George Spiteri, wiehed jista' jghid li l-agir disturbanti ta' George Spiteri, fost ohrajn ta' min isemmi l-agressivita' tieghu, it-theddid li hu kien jaghmel li Josette biex tibqa' tohrog mieghu, il-loghob li kien jilghab (gambling) kif ukoll ix-xorb li kien jixrob, biex insemmu xi uhud, kienu f'George Spiteri minn qabel iz-zwieg tieghu ma' Josette Spiteri. Dan l-agir juri nuqqas ta' stabbilita' u immaturita' fih. Din l-immaturita' kompliet estendiet mhux biss f'agir irresponsabbli tieghu, per ezampju li jwassal lil Josette id-dar u hu johrog fid-diskoteka ma' xi hadd iehor, (kif tenniet martu Josette stess) izda specjalment li jiddeciedi li jizzewweg mara li kif qalli hu stess fis-sezzjonijiet ta' terapija, kienet "mohh ir-rih". Dan ifisser li minkejja li ddecieda li jizzewweg lil Josephine minhabba t-tarbija, hu ma kienx qed jahseb fil-konsegwenzi koroh li mara 'mohh-ir-rih' tista' jkollha fuq iz-zwieg tieghu. L-immaturita' tal-konvenut qabel iz-zwieg tieghu ma' Josette, kompliet tirrifletti ruhha fil-fatt li hu kien jirrikattaha lil Josette biex tibqa' mieghu minkejja li hi ghamlet diversi attentati biex titilqu. Qisu kellu bzonnha biex ikollu stabilita'. Daqshekk ma kienx qed jahseb fil-konsegwenzi koroh fuq ir-relazzjoni tieghu ma' martu meta ser izomm persuna mieghu kontra x-xewqa taghha? Ghalkemm mhux l-iskop ta' dan ir-rapport li niftah fuq l-immaturita' ta' Josette li ma kienetx kapaci tghid 'le' ghaz-zwieg li ma xtaqitx taghmel, ta' min wiehed jigbed l-attenzjoni fuq il-fatt li ghalkemm huwa minnu li kif huwa argumentat fl-atti, Josette Spiteri ma kienetx sfurzata biex tizzewweg minn hadd, ghax il-genituri taghha tawha biss parir li tizzewweg, ta' min isemmi illi meta ghandek tifla ta' sbatax-il sena, parir ta' genituri li hadu l-inizjattiva li jippreparaw l-arrangamenti tat-tieg huma minghajr ma qalulha, kien bizzejjed influwenza biex Josette ma tantx tista'

> tghid ma nridx nizzewweg. Wiehed irid jikkonsidra l-eta' tenera taghha u l-limitu ta' decizjoni li persuna tista' taghmel ghal ghomorha f'din l-eta' ta' sbatax-il sena. Kif hu ta' min jikkonsidra d-decizjoni taz-zwieg li George Spiteri ha ghal ghomorha f'eta' zghira ta' bil-kemm dsatax-il sena. Kif jista' persuna li ma rax imhabba u fiducja minn ghand il-genituri tieghu joffri mhabba lil martu ibbazata fuq fiducja kif jirrikjedi z-zwieg? George Spiteri la jaf lil missieru – li tah sens ta' abbandun, u ghax jaf minn hi ommu, din irrigettatu u taghtu lil haddiehor biex irabbuhulha. Dan ifisser li George lanqas ra inhabba minghand ommu li l-ezempju ta' hajjitha u x-xoghol taghha ma tant kien ezemplari. Ir-ricerka psikologika turina illi persuna b'disordni ta' personalita' ta' tip passiv-aggressiva, bhal ta' George Spiteri, tkun gejja minn relazzjonijiet hziena li jkun hemm bejn l-omm u l-iben u r-rabja li hu jkun ghad ghandu ghal ommu minkejja li din mhux dejjem jammettiha. Il-fatt li George ma sabx imhabba minghand il-genituri tieghu taghtih x'jifhem li hu jahseb li mhux denju li jkun mahbub u permezz ta' dan, huwa jagixxi b'mod li jirrigetta lil kull min jurih l-imhabba kif ukoll jagixxi b'mod li hu ta' dannu ghalih (self-defeating), ezempju b'xorb zejjed u loghob. B'hekk, meta jkollu falliment fil-hajja tieghu jkun jista' jikkonferma b'mod subkonxju illi huwa persuna falluta u mhux ta' min jurih imhabba. Ta' min izid ukoll illi ghalkemm George Spiteri qal fl-intervista tieghu illi hu dejjem kien responsabbli ghal hutu, dan ifisser li tfulija vera ma kellux, tant li kellu johrog jahdem ta' 13-il sena. Persuna li kienet taghmel doveri ta' adulti meta kienet zghira trid taghmel tfulitha u l-bluha taghha meta tikber, bhal meta George jagixxi b'mod impulsiv u aggressiv minghajr ma jahseb fil-konsegwezi".

Issa huwa minnu illi mhux kull anomalija psikologika setghet u kellha twassal biex tinficja l-volonta' ghall-ghoti ta' kunsens shih u liberu fiz-zwieg. Il-gudikant kellu jkun sodisfatt illi l-anomalija psikologika kienet ta' gravita' tali li kienet tirrendi lil persuna nkapaci li konxjament u volutament jaghti l-kusens tieghu biex jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dan l-insenjament gwida, anke jekk evolut in

materja ta' dritt kanoniku fejn il-kriterji applikabbli kienu necessarjament aktar rigidi, inkwantu d-decizjoni tat-Tribunal kienet torbot principalment in foro coscentiae, seta' jservi bhala sfond u bazi ta' l-interpretazzjoni gusta ta' din il-parti tal-sub-inciz 1 (d) ta' l-inciz 19 ta' l-Att dwar iz-Zwieg, (Kap 255):-

> "Fil-fatt Coram Bruno fid-djocesi ta' Rockville Centre fit-30/5/1986 qal:
>
> "Psychic maturity, or the temperance and prudence which are found in mature people, is not required at all in order to marry, nor is it required that there should be immunity from all defects of character or exceptional moral excellence in overcoming disagreements or that one could foresee a happy outcome for the marriage".
>
> "Thus one can also understand that the hypothesis of a real incapacity is to be considered only when an anomaly of a serious nature is present which however it may be defined, must substantially vitiate the capacity to understand an/or to consent".
>
> Biex ikun hemm anomalija psikologika "which can arrive at the extent of rendering a person incapable or intending and willing as regards the act of consent and also as regards the object of consent. The disorders of the intellectual and critical faculties concern the act of consent, while the disorders of the inter-personal relationships involve the capacity to assume the essential obligations of marriage……one cannot deduce an incapacity for consent simply because of the presence of a psychic disorder, but one must show that such disorder is so grave and it substantially affects the intellectual and volitive faculties (including therefore also the capacity relative to the assumption of the essential obligations of marriage) as to deprive the contracting subject from sufficient freedom. (Msgr. Giuseppe Versaldi; Forum No. 2, Vol. 6, 1995)".

Konsidrati l-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom l-esperta psikologa fid-dawl tar-rizultanzi xjentifici li rriskontrat, din il-Qorti ma ssibx diffikulta' biex tikkonkludi illi l-anomaliji psikologici, minnha definiti espressament bhala "serji", kienu tali li jimpeduh milli jaqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg u li tali sitwazzjoni kienet pre-ezistenti ghall-ghoti tal-kunsens. Dana anke bl-applikazzjoni tal-linji gwida ta' l-insenjament kanoniku appena accennat, pero' dejjem tenut kont illi l-Qorti qed tiddeciedi l-mertu in civilibus u kellha allura bazikament tikkonsidra z-zwieg bhala kuntratt, anke jekk ta' natura partikolari, inkwantu jibqa', u hu sal-lum, rikonoxxut bhala l-fondament li jikkreja n-nukleju familjari li fuqu s-socjeta' hi komposta u organizzata s-socjeta'. Certament pero', wara l-introduzzjoni ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), ma jibqax fil-fehma ta' din il-Qorti korrett illi jigi awtomatikament, u b'mod kritiku applikat l-insenjament gurisprudenzjali tal-ligi kanonika ghall-interpretazzjoni tal-ligi civili. Dan naturalment bla ma jnaqqas il-pregju enormi ta' dak l-insenjament li jista' jkun ta' valur inestimabbli ghall-qrati fl-ghoti ta' interpretazzoni gusta ta' termini fl-Att dwar iz-Zwieg li l-legislatur ghogbu jadotta verbatim minn disposizzjonijiet fid-dritt kanoniku.

**<u>Tikkonsidra ulterjorment</u>**

Jigi notat illi l-artikolu 35 ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), jaqra hekk:-

> "Without prejudice to sections 21 to 31 of this Act (kliem dan mizjud b'emenda ta' l-Att Nru. 1 ta' 1995), Canon Law shall, in so far as it had effect as part of the Law of Malta on marriage, cease to have such effect, and all jurisdiction in relation to marriage shall vest in the Courts of Malta in accordance with the relevant provisions of the Code of Organisation and Civil Procedure".

Ma jaghmel allura ebda sens guridiku illi min-naha wahda l-Att dwar iz-Zwieg iddivorzja ghal kollox il-process civili ta' l-annullament mill-process kanoniku sal-punt li l-Ligi kanonika m'ghadx ghandha effett bhala parti mil-ligi ta' Malta ghal dawk il-kawzi li jaqghu fil-gurisdizzjoni tal-Qrati bil-mertu ta' l-annullament investigat fil-kamp civili, li fl-istess waqt il-Qrati civili jarrogaw ghalihom infushom il-kompetenza li japplikaw huma stess il-Kodici Kanoniku, li m'ghadux parti mill-ordinament guridiku, billi jinterpretaw il-ligi civili f'termini esklussiv propji ghal-ligi kanonika, u dana bla riferenza ghal dawk li huma kriterji u principji propji ghad-dritt civili. Bizzejjed jinghad f'dan l-istadju li d-dritt civili in materja ta' kunsens kontrattwali ghandu l-insenjament u tradizzjoni guridika tieghu, u dan ma kellux jigi skartat minhabba l-fatt li l-ligi specjali taz-Zwieg (Kap. 255) jimponi kriterji specifici fir-rigward tal-validita' tal-kunsens fir-rabta taz-zwieg. Din ir-rejalta' guridika wkoll rikonoxxuta mill-kanonisti u applikata anke fi sferi ohra.

> "In conclusion, what we have to confirm at this point is that the canonical concept of normal consent is more extensive than the corresponding psychological notion and it differs from it qualitatively because of the different criteria by which it is

> inspired. Such a differentiation is the consequence of the diverse anthropological perspective which serves as a premise to the different sciences: while the perspective in the psychological field is limited to the natural values of the eartly dimension of human life, that of the canonical field has to rebuild an integral vision of human nature and of the full meaning of marriage". (Msgr. Giuseppe Versaldi; Psychology and Marriage Consent, Forum ibid.)

Din il-konsiderazzjoni gusta u rilevanti tista' tigi facilment applikata mutatis mutandis ghall-kamp tad-dritt civili komparat mad-dritt kanoniku.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-attrici u tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta, b'dan pero' illi l-kawzali milqugha ghan-nullita' taz-zwieg qed tigi limitata ghad-difett psikologiku serju u anomalija serja li jaghmilha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Billi hu gust ukoll li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez din il-Qorti qed tiddeciedi li l-ispejjez taz-zewg istanzi kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dep/Reg

mm